MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 723/2003

**Maria mart Vincent Cascun, Grazia mart Carmelo Farrugia u Antonio Scicluna**

**Vs**

**Nikolina mart Angelo Azzopardi, Joseph mart Joseph Farrugia, Angela mart Gerald Farrugia, Joseph Scicluna, Carmen u Joseph ahwa Grixti ulied Paola Grixti xebba Scicluna, Suor Bibiana Scicluna fis-seklu Bernardina, ilkoll eredi ta' Carmela u Carmelo mizzewgin Scicluna u Dr Pawlu Lia bhala esekutur testamentarju nominat ta' Carmela Scicluna u bi provvediment tal-14 ta' Ottubru 2010 il-qorti ordnat li Suor Bibiana tinhareg mill-kawza u b'digriet tad-19 ta' Lulju 2011 il-qorti ordnat trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Mario u Carmelo ahwa Farrugia wara l-mewt ta' Josephine Farrugia.**

**Citazzjoni.**

L-atturi ppremettew li permezz ta’ testment unica charta tal-21 ta’ Frar 1987, fl-atti tan-Nutar Carmelo Martinelli maghmul minn Carmela xebba Cilia u Carmelo mizzewgin Scicluna u t-testment tat-3 ta’ Ottubru 1992 fl-atti tan-Nutar Philip Said maghmul minn Carmelo Scicluna l-atturi jew min minnhom gew imqieghda bhala legatarji u/ jew pre-legatarji skond ir-raba, ghaxar, hdax u tnax l-Artikolu tat-testment tal-21 ta’ Frar 1987 u l-ewwel u t-tieni, raba, hames, tnax u erbatax il-artikolu tat-testment tal-1992.

Skond dawn it-testmenti it-testaturi hallew b’titolu ta’ pre-legat lill-atturi Maria Cascun u Anthony Scicluna f’porzjonijiet ugwali il-fond urban 92A, Main Street, Siggiewi; lill-atturi Anthony Scicluna b’titolu ta’ pre-legat il-mezzanin 35, Blat il-Qamar Road, Siggiewi u l-mezzanin 17, Triq il-Girgenti, Siggiewi u tlett porzjonijiet art fil-kontrada ta’ Blat il-Qamar Siggiewi deskritti ahjar fit-testmenti msemmija; lill-attrici Maria Cascun il-mezzanin 18, Triq il-Girgenti Siggiewi, u tlett porzjonijiet art kontigwi u adjacenti Blat il-Qamar, Siggiewi deskritti ahjar fit-testmenti msemmija; lill-attrici Grazia mart Carmelo Farrugia b’titolu ta’ pre-legat il-fond 93, Main Street, Siggiewi u lill-attur Anthony Cascun taht titolu ta’ legat il-garage numru 36 Blat il-Qamar, Siggiewi bl-ghodod ingenju u sostanzi kollha mobbli li jkunu jezistu fih kif ukoll porzjon art maqsuma formanti parti mill-ghalqa s-Siggiewi denominata ta’ Blat il-Qamar deskritta ahjar fit-testmenti msemmija; u lill-atturi Maria Cascun u Anthony Scicluna l-ingenji, makkinarju u ghodod kollha taghhom bhala prelegat.
Il-konvenuti huma l-eredi tad-decuius skond l-istess testmenti u sal-lum l-atturi ghadhom ma gewx imqieghda fil-pussess tal- legati u/jew pre-legati fuq imsemmija.

Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iqieghdu lill-atturi fil-pussess tal-legati skond it-testmenti fuq imsemmija.
2. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att opportun ta' assenjazzjoni tal-legati spettanti lill-atturi u kuraturi biex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-att fil-jum u hin u post li jigu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti.
3. Dana kollu skond dawk l-ordnijiet li jidhru opportuni ghal din l- Onorabbli Qorti.

**Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Grixti, Carmen Grixti, Angela mart Gerald Farrugia, Joseph Scicluna u Suor Bibiana Scicluna fis-Seklu Bernardina[1].**

Jeccepixxu bir-rispett :

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi a tenur tal- Artikolu 963(1) tal- Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta gialadarba l-proceduri bil-miktub f'din il-kawza ma nghalqux fil-Qorti tal-ewwel grad fil-perentorju ta' sitt xhur din il-kawza ma tistax titkompla u ghandha tibqa' tigi ddikjarata dezerta stante li ghadda wkoll perjodu ta' xahar minn meta seta' jsir l-gheluq ta' dawn il-provi bil-miktub a tenur tal-Artikolu 963(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi bla pregudizzju ghal premess il-kawza giet dikjarata dezerta fis-6 ta' Ottubru 2006 u ghalhekk il-procediment a tenur tal-Artikolu 963(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta spicca u jekk l-atturi kien ghad fadlilhom interess huma kellhom a tenur tal-ligi jintavolaw citazzjoni ohra u mhux terga' tigi mpoggija fuq il-listi tal-kawza.
3. Illi bla pregudizzju ghal premess u fil-mertu l-azzjoni odjerna hija preskritta stante illi Carmela Scicluna mietet fid-9 ta' Marzu 1987 u Carmelo Scicluna miet fil-21 ta' Lulju 1993 (dokumenti JG1 u JG2) u kwalsiasi azzjoni kellha tigi intavolata entro l-ghaxar snin mill-mewt tad-decujus a tenur tal-Artikolu 845(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Permezz ta' provvediment li nghata fl-14 ta' Ottubru 2010 (fol. 64), Suor Bibiana Scicluna nharget mill-proceduri.

4. Illi ghal kwalsiasi buon fini, Joseph Scicluna jiddikjara li huwa legittimarju tal-eredita' tal-mejta genituri tieghu Carmelo u Carmela Scicluna u l-unika haga li talab mill-wirt tal-istess genituri hija l-hlas tal-legittima spettanti lilu skond il-ligi u xejn aktar.

**Nota tal-eccezzjonijiet tal-avukat Dr Pawlu Lia bhala ezekutur testamentarju ta' Carmela Scicluna.**

1. Preliminarjament in kwantu diretta kontra l-esponent bhala ezekutur testamentarju tal-mejta Carmela Scicluna, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 845 tal-Kodici Civili.
2. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-meritu l-esponent nomine jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet**.

Din il-kawza tittratta dwar talba ghall-immissjoni ta' pussess ta' legati mhollija minn Camela Scicluna bit-testment li ghamlet fil-21 ta' Frar 1987 fl-atti tan-Nutar Carmelo Martinelli, u fir-rigward ta' Carmelo Scicluna bit-testment li ghamel fit-3 ta' Ottubru 1992 fl-atti tan-nutar Dr Philip Said. Carmela Scicluna mietet fid-9 ta' Marzu 1987 filwaqt li Carmelo Scicluna miet fil-21 ta' Lulju 1993. Ic-citazzjoni kienet prezentata fit-18 ta' Lulju 2003.

Fl-4 ta' Marzu 2008 inghatat sentenza parzjali fejn il-qorti ddikjarat li ma sehhitx id-dezerzjoni u ghalhekk cahdet l-eccezzjoni relatata ma' tali eccezzjoni. Certament li b'dik is-sentenza giet deciza t-tieni eccezzjoni wkoll ta' Joseph Grixti et meta l-qorti ddikjarat li ma kenitx sehhet dezerzjoni.

Il-werrieta tal-konjugi Scicluna skond it-testmenti huma t-tmien uliedhom: Antonio, Angela, Giuseppe, Nicolina,

Maria, Giuseppa, Paola[2], u Grazia. Kellhom ukoll tifla ohra li kienet soru, Suor Bibiana Scicluna fis-seklu Bernardina.

Bit-testment *unica charta* tal-21 ta' Frar 1987 il-konjugi Scicluna hallew b'legat lil uliedhom:-

i. Maria Cascun u Anthony Scicluna f'sehem indaqs bejniethom il-dar 92A, Main Street, Siggiewi (Artikolu 4).
ii. Grazja Farrugia il-fond numru 93, Main Street, Siggiewi (Artikolu 5).
iii. Maria Cascun u Anthony Scicluna f'sehem indaqs bejniethom l-ingenji, makkinarju u ghodod taghhom (Artikolu 10).
iv. Maria Cascun u Anthony Scicluna f'sehem indaqs bejniethom ir-raba fi Blat il-Qamar Road, Siggiewi hlief dik il-parti li tissemma fl-Artikolu 9 (Artikolu 12).

Bit-testment tat-3 ta' Ottubru 1992, Carmelo Scicluna rrevoka t-testment li ghamel ma' martu fil-21 ta' Frar 1987 u halla b'legat lil uliedu:

i. Maria Cascun u Anthony Scicluna il-fond 92A, Main Street, Siggiewi (Artikolu 2).
ii. Anthony Scicluna l-mezzanin 35, Blat-il Qamar Road, Siggiewi u l-mezzanin 17, Triq il-Girgenti, Siggiewi (Artikolu 3).
iii. Anthony Scicluna tlett porzjonijiet art li jifformaw parti minn ghalqa fis-Siggiewi kontrada Ta' Blata il-Qamar (Artikolu 3).
iv. Maria Cascun, il-fond numru 19, Triq il-Girgenti, Siggiewi u tlett porzjonijiet art minn ghalqa fis-Siggiewi kontrada ta' Blat-il Qamar (Artikolu 4).
v. Grazia Farrugia l-fond 93, Main Street, Siggiewi (Artikolu 5).
vi. Grazia Farrugia l-fond bl-isem ta' Scicluna House, Triq Blat-il Qamar, Siggiwei (Artikolu 10).

[2] Peress li Paola kienet mietet meta Carmelo Scicluna ghamel it-testment, ma tissemmix bhala wahda mill-werrieta izda jissemmew uliedha Carmen u Joseph ahwa Grixti.

vii. Anthony Scicluna l-garaxx numru 36, Triq Blat il-Qamar, Siggiewi u porzjon maqsuma tal-ghalqa maghrufa Ta' Blat-il Qamar, Siggiewi (Artikolu 12).

Jibda biex jinghad li jirrizulta li l-konvenut Joseph Scicluna hu biss legittimarju tal-wirt ta' Carmela u Carmelo Scicluna. Ghalhekk m'huwiex werriet[3]. Ghalhekk dan il-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur u ser jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

L-eccezzjoni li ghad trid tigi deciza hi li l-azzjoni tal-atturi hi preskritta skond l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili[4], li jipprovdi:-

*"**845.** (1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni."*.

Fir-rigward ta' Carmelo Scicluna zgur li m'ghandux ikun hemm dubju li l-preskrizzjoni ma tapplikax ghaliex il-kawza giet prezentata fit-18 ta' Lulju 2003 filwaqt li miet fil-21 ta' Lulju 2003. Ghal finijiet ta' preskrizzjoni estintiva, id-data tan-notifika tac-citazzjoni m'hijiex rilevanti[5].

Fir-rigward imhollija minn Carmela Scicluna, il-qorti ma tarax li l-atturi setghu tilfu xi jedd ghaliex ma ghamlux it-talba qabel ghaddew 10 snin mill-mewt taghha. Qieghed jinghad hekk in vista tal-fatt li skond it-testment *unica charta* li ghamlu Carmelo u Carmela konjugi Scicluna, kull wiehed minnhom inghata l-uzufrutt tal-gid kollu tal-parti l-ohra. Dan apparti li kif osservat il-Qorti tal-Appell fil-kawza

---

[3] Ara s-sentenza li nghatat fil-kawza **Joseph Scicluna vs Nikolina Azzopardi et** (423/1997) deciza minn din il-Qorti (Imhallef R. Pace) fil-25 ta' Marzu 2010, u fejn dan il-konvenut harrek lill-werrieta biex jinghata l-legittima mill-wirt ta' Carmelo u Carmela konjugi Scicluna. Minn dik is-sentenza jirrizulta li t-testment fuq imsemmija huma l-unici testmenti li ghamlu l-konjugi Scicluna. Qeghda ssir din l-osservazzjoni in vista ta' dak li jinghad fil-verbal tas-26 ta' Jannar 2012 peress li l-atturi baqghu ma pprezentawx ir-ricerki testamentarji tat-testaturi.

[4] Eccezzjoni li nghatat minn Dr Paul Lia bhala ezekutur testamentarju u mill-konvenuti Joseph Grixti, Carmen Grixti, Angela Farrugia u Joseph Scicluna.

[5] Ara per ezempju sentenza tal-Qorti tal-Appell (Imhallef P. Sciberras) fil-kawza **George Bonnici nomine vs Nicholas Ellul et** deciza fit-2 ta' Frar 2004.

**Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et** deciza fid-29 ta' Jannar 1954[6]:-

***"Il-preskrizzjoni decennalili tolqot l-azzjoni maghrufa bhala "petito hacreditatis", biex jintalba wirtm jew legat, jew sehem tal-beni ta` l-ligi taghti lit-tfal jew lill-konjugi, tant fis-successjoni .... kemm f'dik intestata, hija preskrizzjoni akkwizitiva; u dan mhix biss fir-rapporti bejn il-koeredi, imma anki fil-kofnront tal-legatarji u ta` dawk l-ohra li ghandhom dawk id-drittijiet. Ghaldaqstant, barra mill-element passiv taz-zmien, hemm bzonn li jigi pruvat anki l-element attiv tal-pussess. U dan il-pussess irid ikun mhux sempliciment kazwali, izda jrid ikun pussess formali, jigifieri kapaci li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta `. Konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess "di diritto". Meta si tratta ta` legat, ghalhekk, mhux bizzejjed illi l-legatarju jibqa` incerti ghaz-zmien rikjest mil-ligi biex jintilef id-dritt ghal-legat, imma hemm bzonn li l-uzurpatur ikun jippossjedi l-haga abbandunata mill-proprjetarju, u li jkun jippossjediha "animo domini". Il-pussess ta` l-uzurpatur irid ikun, ghalhekk, kontinwu, mhux interott, pacifiku, publiku, u mhux ekwivoku, ghaz-zmien kollu li tghid il-ligi, kif ukoll ""animo domini". Dan il-pussess ghandu jigi pruvat b'mod infrangibili, tant ghar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess; u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni. Il-pusses li jehtieg ghal din il-preskrizzjoni hemm bzonn li jkun tal-haga in disputa, u mhux ta` hwejjeg ohra, sija pure ta` l-istess eredita`."***[7].

---

[6] Volum XXXVIII.i.21.

[7] Ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell li nghatat fil-kawza **Josephine Borg et vs Joseph Bianco** deciza fis-27 ta' Gunju 2008. Il-qorti osservat ukoll: *"Issa, f'dan il-kaz, ghalkemm il-konvenut hu eredi ta' Loreto Bonnici, huwa inhatar ukoll esekutur testamentarju tieghu, u f'dik il-kwalita` hu ma jipposjedix l-assi in nomine proprio. Fil-kawza "**Apap Bologna Gatto v. Reynaud et**", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Gunju, 1967, gie konfermat li l-esekutur testamentarju hu mandatarju bi dmir u obbligu li jesegwixxi t-testment, u kwindi, f'dik il-vesti, ghal dawk li huma l-flus li huma dovuti lill-atturi, hu ma kellux il-pussess taghhom animo domini. Il-konvenut, fuq kwart mill-assi tad-decujus, ghandu biss in-nuda proprjeta` u mhux dik shiha, u kwindi ma kellux l-esklussivita` tal-pussess,*

Hadd mill-konvenuti ma ressaq xi prova f'dan is-sens. L-uniku prova li ressqu l-konvenuti hi x-xhieda ta' Joseph Grixti, iben Paola Grixti, wahda minn ulied Carmelo u Carmela Scicluna.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bl-ispejjez tal-konvenuti li tawha.**
**2. Tilqa' r-raba' eccezzjoni li nghatat fin-nota tal-eccezzjonijiet prezentata fis-16 ta' April 2007 u tillibera lil Joseph Scicluna mill-osservanza tal-gudizzju.**
**3. Tilqa' t-talbiet tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jimmettu lill-atturi fil-pussess tal-legati lilhom imhollija minn Carmelo u Carmela konjugi Scicluna skond it-testmenti tal-21 ta' Frar 1987 fl-atti tan-nutar Dr Carmelo Martinelli (testment ta' Carmela Scicluna) u 33 ta' Ottubru 1992 (testment ta' Carmelo Scicluna).**
**4. Tinnomina lin-nutar Dr Annalise Micallef biex tippubblika l-att relattiv il-Hamis 27 ta' Settembru 2012 fil-11.30 a.m. fil-bini tal-qorti jew f'dik id-data li tista' tiffissa l-qorti f'kaz li tinghata raguni li fil-fehma tal-qorti jiggustfika li l-att isir f'gurnata ohra, u tinnomina lil Dr Abigail Galea bhala kuratrici biex tidher ghall-eventwali kontumaci.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---

*mehtiega biex topera l-preskrizzjoni in kwistjoni. Il-pussess komuni ereditarju huwa ta' ostakolu ghad-dekors ta' kwalunkwe preskrizzjoni ta' azzjoni simili.".* Ara wkoll sentenza ta' din il-qorti (Imhallef R. Pace) fil-kawza **Carmela Zerafa et vs Nazzareno Farrugia et** deciza fis-27 ta' Marzu 2007.

---------------------------------TMIEM---------------------------------